

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2010 — Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-21/10)

(2010/C 100/65)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: J. Möller u C. von Donat, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 9049, tat-13 ta' Novembru 2009, innotifikata lir-rikorrenti permezz ta' ittra fis-16 ta' Novembru 2009, dwar it-tnaqqis tal-għaj-nuna mogħtija mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), għad-Dokument ta' programmar individwali (DOCUP) fir-reġjun Objettiv 2 tas-Saarland (1997-1999) fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, permezz tad-Deċiżjoni-jiet tal-Kummissjoni C(97) 1123, tas-7 ta' Mejju 1997, u C(1999) 4928, tat-28 ta' Diċembru 1999;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Permezz tad-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni naqqset l-għaj-nuna finanzjarja tal-FEŻR mogħtija għad-Dokument ta' programmar individwali (1997-1999) għar-reġjun Objettiv 2 tas-Saarland fir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

Ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi insostenn tar-rikors tagħha.

L-ewwel nett, ir-rikorrenti ssostni li ma hemm l-ebda bażi legali għall-kalkolu b'rata fissa u l-estrapolazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji għall-perjodu 1994-1999, li jkopri d-Dokument ta' programmar individwali.

It-tieni nett, ir-rikorrenti tilmenta li l-Kummissjoni kisret l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (KEE) Nru 4253/88 <sup>(1)</sup> billi l-kundizzjonijiet għat-tnaqqis ma humiex sodisfatti. Hija ssostni b'mod partikolari li l-Kummissjoni evalwat b'mod żbaljat il-kunċett ta' "irregolarità". Barra minn dan, il-Kummissjoni identifikat żbalji sistematiċi imma ma kkonstatatx li l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-amministrazzjoni tal-Fondi Strutturali ma kinux issodisfaw l-obbligi imposti fuqhom mill-Artikolu 23 tar-Regolament Nru 4253/88. Skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni kienet identifikat li-żbalji sistematiċi fl-amministrazzjoni u l-kontroll tal-Fond billi bbażat ruħha, barra minn

dan, fuq allegazzjonijiet ta' fatt żbaljati. Elementi importanti tal-konstatazzjonijiet tagħha huma fil-fatt żbaljati u hija evalwathom b'mod żbaljat.

Sussidjarjament, ir-rikorrenti ssostni bħala t-tielet motiv il-fatt li t-tnaqqis ordnat fid-deċiżjoni meħuda huwa sproporzjonat. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma eżerċitatx id-diskrezzjoni mogħtija lilha mill-Artikolu 24(2) tar-Regolament Nru 4253/88. Il-korrezzjonijiet b'rata fissa applikati jeċċedu l-ħsara (potenzjali) lill-baġit Komunitarju. Ir-rikorrenti tqis ukoll li l-estrapolazzjoni ta' żbalji magħmula mill-Kummissjoni kienet sproporzjonata minħabba li żbalji speċifiċi ma jistgħux jiġu trasposti għal assjem eteroġenu.

Ir-rikorrenti ssostni bħala r-raba' motiv tagħha ksur tal-forom proċedurali essenzjali. Il-Kummissjoni ma mmoventatx suffiċjentement id-deċiżjoni meħuda u ma segwitx il-proċedura korretta fi tmiem dan il-perjodu. Ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni meħuda ma tindikax kif jew għaliex il-Kummissjoni fffissat l-ammont tal-kalkoli b'rata fissa li hija applikat. Barra minn dan, il-Kummissjoni mmodifikat il-konstatazzjonijiet magħmula mill-ispetturi mibgħuta fuq il-post mingħajr kontroll ġdid u hija ma ħaditx jew ma ħaditx biżżejjed inkunsiderazzjoni x-xhieda tal-awtoritajiet Ġermaniżi.

Fl-aħħar nett, ir-rikorrenti tinvoka bħala l-ħames motiv il-fatt li l-konvenuta kisret il-prinċipju ta' kollaborazzjoni, għaliex minkejja li l-ewwel tikkonferma l-kapaċità ta' funzjonament tas-sistema ta' amministrazzjoni u ta' kontroll fi ftehim amministrattiv, fid-deċiżjoni meħuda minnha hija tibbaża ruħha fuq nuqqas sistematiku f'dawn is-sistemi.

<sup>(1)</sup> Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4253/88, tad-19 ta' Diċembru 1988, li jipprovi dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2052/88 dwar il-koordinazzjoni tad-diversi attivitajiet tal-Fondi Strutturali bejniethom u bejn dawn u l-operazzjonijiet tal-Bank Ewropew għall-Investment u l-istrumenti finanzjarji eżistenti l-oħra (ĠU L 374, p. 1).

**Rikors ippreżentat fil-25 ta' Jannar 2010 — Esprit International vs UASI — Marc O'Polo International (Rappreżentazzjoni tal-ittra "e" imqiegħda fuq but ta' qalziet)**

(Kawża T-22/10)

(2010/C 100/66)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Esprit International LP (New York, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: M. Treis, avukat)